MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 11/2012

**Victor J. Borg, Karta tal-identita' numru 80145G bhala mandatarju specifiku ta' Thaddew sive Thaddeu Xerri, Karta tal-identita' numru 82050G**

**-vs-**

**Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu gie premess is-segwenti:-

(1) Illi Thaddew sive Thaddeu Xerri, bin George u Giorgia nee' Grech twieled f'Victoria, Ghawdex fit-tlieta (3) ta' Novembru elf disa' mija u hamsin (1950) u c-certifikat tat-twelid tieghu gie rregistrat fir-Registru Pubbliku ghal Ghawdex bin-numru progressiv tmien mija u ghoxrin ta' dik l-istess sena (820/1950);

(2) Illi Thaddew sive Thaddeu Xerri emigra lejn il-Kanada fl-elf disa' mija u tnejn u sebghin (1972) u ghal dan il-ghan kien gabar kopja informi tac-certifikat tat-twelid tieghu, u ottjena passaport mill-Ufficju tal-Passaporti, Ghawdex;

(3) Illi fuq dak ic-certifikat isem l-esponenti nomine gie ndikat bhala 'Thaddeu' u sussegwentement kemm il-passaport kif ukoll id-dokumenti ufficjali u ufficjuzi kollha fil-Kanada li b'xi mod jirreferu ghall-esponenti nomine lkoll jirreferu ghalih bhala 'Thaddeu';

(4) Illi ghalhekk sa mill-1972 Thaddeu Xerri minn dejjem kien maghruf b'dak l-isem, u huwa dan l-isem li huwa personalment u l-familja u konoxxenzi tieghu minn dejjem uzaw b'riferenza ghalih u l-isem li fih huwa konsistentement maghruf u msejjah;

(5) Illi madankollu meta ricentement Thaddeu Xerri mar fil-Konsulat Malti f'Toronto sabiex japplika ghall-passaport biometriku, gie nfurmat li fic-certifikat tat-twelid tieghu, ismu huwa ndikat bhala 'Thaddew' u ghalhekk il-passaport tieghu seta' jinhareg biss b'dak l-isem;

(6) Illi dan ser johloq konfuzjoni u kjass shih ghall-esponenti nomine fil-hajja civika tieghu fil-Kanada, u anki sa certu punt f'Malta, u fid-dawl tal-premess, huwa jixtieq umilment jitlob li c-certifikat tat-twelid tieghu jigi korregut sabiex jirrifletti l-isem li bih huwa maghruf;

Ghalhekk ir-rikorrenti nomine talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi huwa l-isem 'Thaddeu' li huwa l-isem li minn dejjem intuza bhala l-isem tal-istess attur minnu u mill-familjari tieghu, u l-isem li fih l-attur kien konsistentement imsejjah minflok l-isem 'Thaddew' illi jidher fuq l-att tat-twelid tieghu;

2. konsegwentement tordna il-bdil ossia korrezzjoni tal-att tat-twelid numru 820/1950,cjoe' l-att tat-twelid ta' Thaddew sive Thaddew Xerri bin George u Giorgia nee'

Grech billi fil-kolonna *'isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha'* l-isem 'Thaddew' jigi sostitwit bl-isem 'Thaddeu', u fil-kolonna *'ismijiet moghtija'* l-isem 'Thaddew' ghandu jigi sostitwit bl-isem 'Thaddeu'.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tad-Direttur Registru Pubbliku,Ghawdex :

1. Illi preliminarjament, ir-rikorrenti jrid jipproduci c-certifikat dettaljat tat-twelid ta' Thaddew sive Thaddeu Xerri, u mhux sempliciment l-estratt tal-istess certifikat u dan peress illi huwa dan ic-certifikat illi jrid jigi alterat;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ma joggezzjonax ghall-bdil ta' isem ir-rikorrenti minn dak indikat fuq ic-certifikat tat-twelid ghal dak illi bih ir-rikorrenti minn dejjem kien maghruf a bazi ta' artikolu 253(2) ta' Kap 16.

3. Illi finalment, jekk din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrenti ghall-bdil fil-kolonna 'Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha' ikun opportun ukoll li ssir emenda fil-kolonna 'Ismijiet moghtija' biex l-isem 'Thaddew' jigi sostitwit b'Thaddeu' f'din il-kolonna wkoll.

4. Illi peress illi dan il-bdil mitlub ma hux konsegwenza ta' xi ghemil tad-Direttur Registru Pubbliku ma ghandux ibati spejjez.

Rat li saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif tikkontempla l-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Rat li r-rikorrenti nomine pprezenta vera kopja tac-certifikat tat-twelid dettaljat u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni giet sorvolata.

Wara li l-qorti rat id-dokumenti ezebiti mir-rikorrenti nomine il-Qorti tqis li t-talba hija gustifikata. Infatti rrizulta mill-kopja tac-certifikat tat-twelid mahrug lill-attur fis-26 ta’ Lulju 1972; mill-kopja tac-certifikat tas-Sigurta’ Socjali; mill-kopja tal-passaport mahrug lil Thaddeu Xerri fl-1977; mill-kopja tal-Passaport mahrug lil Thaddeu Xerri fit-18 ta’ Gunju 2004; mill-kopja tal-University Health Network Card mahruga, tal-Benefits Card, tal-licenzja tas-sewqan u tal-Health Card dawn l-ahhar erba’ dokumenti kollha mahruga lil Thaddeu Xerri fil-Kanada li r-rikorrenti huwa verament maghruf bl-isem ta’ Thaddeu. D’altronde l-istess konvenut lanqas mhu qed joggezzjona ghat-talbiet attrici fil-mertu.

Tqis ukoll pero’ li ma jidhirx li dan irrizulta minhabba xi zball li huwa imputabbli lill-konvenut b’xi mod.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tilqa’ t-talbiet attrici u dan billi :

1. Tiddikjara illi huwa l-isem ‘Thaddeu’ li huwa l-isem li minn dejjem intuza bhala l-isem tal-istess attur minnu u mill-familjari tieghu, u l-isem li fih l-attur kien konsistentement imsejjah minflok l-isem ‘Thaddew’ illi jidher fuq l-att tat-twelid tieghu;

2. konsegwentement tordna l-bdil ossia korrezzjoni tal-att tat-twelid numru 820/1950, cjoe’ l-att tat-twelid ta’ Thaddew sive Thaddew Xerri bin George u Giorgia nee’ Grech billi fil-kolonna *‘isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha’* l-isem ‘Thaddew’ jigi sostitwit bl-isem ‘Thaddeu’, u fil-kolonna *‘ismijiet moghtija’* l-isem ‘Thaddew’ ghandu jigi sostitwit bl-isem ‘Thaddeu’.

Spejjez a karigu tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------